MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 9/2005/1

**Isabella Borg**

**vs**

**Carmelo Camilleri Furniture Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Novembru, 2005, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fit-28 ta' Lulju 2005 fejn ir-Rikorrenti talbu danni ta' tliet mitt Lira Maltin (Lm300) rapprezentanti depozitu fuq tminn bibien li fihom kien hemm diversi nuqqasijiet.

L-intimatypprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema’ x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema’ x-xhieda ta’ l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kienet ghamlet depozitu ta’ tliet mitt lira Maltin (Lm300) rapprezentanti tminn bibien li kellhom jitlestew sa Dicembru 2004. Minkejja li ma tlestewx fiz-zmien, il-bibien tlestew aktar tard sabiex jigu kkonsenjati. Pero` rrizulta li dawn il-bibien kienu kollha difettuzi.

2. L-intimat issottometta li dawn il-bibien ma fihom ebda difett u ghalhekk setghu jitwahhlu.

3. It-Tribunal wara li sema’ lill-partijiet u anke spezzjona l-bibien fil-fond ta’ l-intimat u jinnota li dawn kellhom diversi difetti.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa’ t-talba tar-Rikorrenti billi jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta’ tliet mitt lira Maltin (Lm300) bl-ispejjez kontra l-istess intimat b’ dan illi l-bibien jibqghu proprjeta` ta’ l-intimat.”

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din id-decizjoni bl-aggravju li gie vjolat lilha d-dettam ta’ gustizzja naturali statwit fl-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 378 ghall-aditu tad-dritt ta’ appell. Skond is-socjeta` appellanti din il-vjolazzjoni hi arginata fuq zewg binarji, u cjoe, (i) li l-arbitru kien aggressiv u ostili fil-konfront tar-rapprezentant taghha u (ii) li t-Tribunal innega t-talba taghha ghall-hatra ta’ espert tekniku in materja ta’ xoghlijiet fuq l-injam;

Dwar l-ewwel ilment din il-Qorti jidhrilha opportun tirribadixxi l-monitu stabbilit fis-sentenza taghha tal-5 ta' Ottubru 1998 in re "**Carmen Borg (Abela) -vs- Ronald A. Cachia (Phoenicia Laundry and Dry Cleaning)**":

"Din il-Qorti, naturalment, ticcensura kull forma ta' arroganza jew nuqqas ta' gusti manjieri fil-kondotta tal-kawza, sew jekk dawn jigu mill-gudikant, kemm jekk jigu mid-difensuri. Il-gudikant li jrid jiddelibera fuq il-mertu tal-kawza u finalment jiddecidieh, m' ghandu qatt jitlef dik is-serenita` olimpika li biha jehtieg li jkun dotat biex sewwa u parzjalment jiggudika l-mertu quddiemu. Ghandu jikkoltiva u jzomm dik is-serenita` anke jekk, u meta, rinfaccjat b' mument difficli ta' konfrontazzjoni mad-difensuri. Mill-banda l-ohra pero`, mhux kull atteggjament abraziv ta' gudikant fil-konfront tad-difensur jew tal-partijiet jammonta ghal rifless negattiv li jincidi materjalment fuq l-imparzjalita` tieghu. Imparzjalita li jehtieg tirrizulta wkoll li tkun giet pregudikata mill-istess gudikat li jaghti. Tali parzjalita` biex tiggustifika dikjarazzjoni li tkun tinficja sentenza, jehtieg li tkun mhux biss soggettiva imma wkoll oggettiva. U kif tesigi wkoll il-ligi taht ezami, huma biss dawk il-kazijiet quddiem dan it-Tribunal fejn ikun ippruvat illi operat tat-Tribunal ikun b' mod gravi mar kontra d-detami ta' imparzjalita` u ta' ekwita` li jista' jigi eradikat dritt ta' appell";

Ri-affermat dan il-hsieb tal-Qorti fil-precitata sentenza, li dwaru jkollu jinghad illi gjaldarba qed jirrikorru ta' sikwit lamentali ta' din ix-xorta dan huwa indikativ li mhux kollox quddiem it-Tribunal adit jimxi b' dik is-serenita` konsiljabbli, ma jirrizultax imbaghad minn ebda verbal illi tali ilment gie *a tempo debito* registrat. Fuq kollox, lanqas ma jirrizulta b' mod car mill-korp ta' l-appell illi l-atteggjament ta' l-arbitru tabilhaqq aggrava b' mod serju l-jeddijiet tas-socjeta` appellanti, rigwardata l-materja purament taht din l-inkwadratura;

Hu haga ohra pero` t-tieni ilment sollevat. Jibda b' danakollu biex jigi osservat illi kemm jekk konsiderata mit-

termini ta’ l-Artikolu 644 Kapitolu 12 u, aktar u aktar, mill-parametri ta’ l-Artikolu 23 (2) (c) ta’ l-Att XXVIII ta’ l-1994, il-hatra ta’ espert tekniku hi diskrezzjonali. L-ebda obbligu ma hu mpost mil-ligi fuq it-Tribunal. Anzi, hu ghandu kemm jista’ jkun jiddezisti milli jqabbad periti teknici sabiex jaghtu l-parir espert taghhom. Dan hu maggorment hekk il-kaz fejn jokkorru certi nozzjonijiet li jkunu ta’ esperjenza komuni;

Maghdud dan, ma jista’ qatt ikun kontrovers illi fil-prattika, meta l-fattispeci hekk jiddettaw, il-perizja teknika tikkostitwixxi fonti oggettiva ta’ prova kull meta tirrizolvi ruhha fi strument mhux biss ta’ valutazzjoni teknika tal-materja imma wkoll ta’ accertament ta’ sitwazzjoni ta’ fatt rilevabbli biss u solament permezz ta’ rikors ghal konoxxenza teknika determinata. Fil-fattispeci, il-bonta u l-idonjeta` tal-lavorazzjoni ta’ bibien fuq l-injam;

Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti biex jintlahaq verament l-iskop ta’ dik il-gustizzja sostanzjali u ta’ l-ekwita` li ssemmi l-ligi kien ikun aktar ghaqli kieku l-arbitru gharaf il-limitazzjonijiet teknici tieghu u kien assistit minn konsulenza teknika ghall-iskop tad-definizzjoni aktar preciza ta’ dawk l-istess difetti li hu jghid li nnota fl-ispezzjoni minnu kondotta. Difetti dawn li hu naqas li jikkwalifika, imbaghad, in-natura u l-entita` taghhom. Kif taraha din il-Qorti s-semplici ispezzjoni minn bniedem mhux teknikament kwalifikat ma tibbastax biex tissodisfa l-esigenza tal-principju tal-gustizzja naturali fil-kondotta tal-procedura quddiemu. Ikollu jinghad f’ cirkostanzi konsimili illi n-negazzjoni tat-talba ghall-hatra ta’ espert, teknikament kwalifikat, tippregudika wkoll b’ mod serju l-jeddijiet ta’ min jappella. Dan ghaliex l-arbitru jkun qed jarroga ghalih, u bl-inizjattiva tieghu biss, kompetenza specjalizzata li hu ma ghandux;

Huwa veru, u dan ukoll hu principju ta’ gusitizzja naturali, illi l-gudikant ghandu jiddeciedi *iuxta allegata et probata* (ara “**Carmelo Gerada -vs- Charles Borg Barthet (Beta**

**Centre)**", Appell, 29 ta' Jannar, 1999). Daqstant iehor pero` huwa veru illi l-istess principju jesigi l-produzzjoni tal-provi pjeni, kompriz allura l-verifika teknika tal-bonta tax-xoghol ezegwit. Din ukoll tikkostitwixxi fonti oggettiva ta' prova servjenti biex tassisti lil gudikant ghall-gudizzju proprju, anke meta jillimta ruhu biex jaderixxi ma' l-opinjoni ta' l-espert nominat u jakkolji l-perizja;

Din il-Qorti gja kellha okkazjoni recentement tissofferma fuq din it-tematika u a skans ta' ripetizzjoni tal-konsiderazzjonijiet zvolti fihom, taghmel espressa referenza ghas-sentenzi taghha "**Rene Savona Ventura -vs- Crosscraft Ltd *et***" (22 ta' Maruz 2006) u "**Paul Cutajar -vs- Bugeja Marbles Ltd**" (5 ta' April 2006).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk thassar s-sentenza appellata. In vista ta' dak stabbilit fl-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 378 il-kawza qed tigi differita ghas-26 ta' April, 2007 ghall-ezami tar-relazzjoni tal-perit tekniku li qed jigi nominat b' digriet separat u ghat-trattazzjoni tal-meritu. L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------